MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2003

Numru. 142/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**ANDREA VELLA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Andrea Vella bint Joseph u Janet nee Smith imwielda nhar il-15 ta' Dicembru 1986 u residenti 'Villa Ganna', Triq Rabat, Marsalforn, Ghawdex (Detentrici tal-karta ta' l-Identita` numru 4687 M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar il-25 t'April 2003 ghall-habta tat-3:30 p.m. fi Pjazza San Gwann Battista fix-Xewkija:

1. Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni JSV 253 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku ta'

Malta u ghalhekk tigi li ma kienetx kopert b’polza t’assigurazzjoni ghal riskji ta’ terzi persuni.

2. Talli rrifjutat jew tat isem falz lil ufficcjal pubbliku u cioe` lis-Surgent 187 Mario Cassar li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimha, kunjomha u fejn toqghod jew partikularitajiet ohra.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill-imputata mil-licenzja kollha tas-sewqan taghha ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq il-Qorti.

Rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-Artikolui 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 338(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 187 jixhed li ra lill-imputat ssuq il-vettura JSV 253 ta’ l-ghamla Mercedes fix-Xewkija ghall-habta tat-3:30 p.m. u sussegwentement ftit wara raha fl-istess vettura izda misjuqa minn terza persuna. Hu ghalhekk waqqafha u talabha l-partikolarijiet taghha u hija qaltlu li jisimha Janet u li twieldet fil-15 ta’ Dicembru 1982 meta minn indagni li ghamel jirriuzulta li l-imputata li gharaf prezenti fl-Awla jisimha Andrea u li twieldet fil-15 ta’ Dicembru 1986.

Semghet lill-imputata tixhed u dan wara li l-Qorti spjegatilha t-tifsira tal-gurament stante li hija minuri u spjegatilha wkoll l-importanza tal-gurament.

Illi l-imputat cahdet dak kollu li qal PS 187 fil-konfront taghha pero` l-Qorti thoss li xejn ma kienet kostanti fix-xhieda taghha u ghalhekk thoss li ghandha tiskreditaha in toto.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha tramite x-xhieda ta’ PS 187 u ghalhekk tiddikjara li ssib lill-imputata Andrea Vella hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’**

**Malta (stante li l-imputata hija minuri) tikkundannaha multa komplessiva ta' erbghin lira Maltin (Lm40).**

**Inoltre ai termini ta' l-artikolu 30(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputata tigi mpedita milli tottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------